# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2015 – Buczek Automotive vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-1/08 INTP)** [1]

***("Proċedura — Interpretazzjoni ta' sentenza")***

(2016/C 016/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Buczek Automotive sp. z o.o. (Sosnowiec, il-Polonja) (rappreżentant: J. Jurczyk, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann, A. Stobiecka-Kuik u T. Maxian Rusche, aġenti)

*Parti intervenjanti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: A. Jasser, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-interpretazzjoni tas-sentenza tas-17 ta' Mejju 2011, Buczek Automotive vs Il-Kummissjoni (T-1/08, Ġabra, EU:T:2011:216).

**Dispożittiv**

1) *Il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2011, Buczek Automotive vs Il-Kummissjoni (T-1/08, Ġabra, EU:T:2011:216), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/344/KE, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar l-għajnuna mill-Istat C 23/06 (ex NN 35/06) li l-Polonja implementat għall-produttur tal-azzar Technologie Buczek Group (ĠU 2008, L 116, p. 26) huwa annullat b'effett erga omnes.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *L-oriġinal ta' din is-sentenza huwa anness mal-oriġinal tas-sentenza interpretata u fil-marġni ta' dan l-oriġinal isir notament ta' din is-sentenza.*

---

(1) ĠU C 64, 8.3.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Novembru 2015 – Wesergold Getränke vs UASI – Lidl Stiftung (WESTERN GOLD)**

**(Kawża T-278/10 RENV)** [1]

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali WESTERN GOLD — Trade marks nazzjonali, Komunitarja u internazzjonali verbali preċedenti WeserGold, Wesergold u WESERGOLD — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Deċiżjoni fuq ir-rikors — Artikolu 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni — Dritt għal smigħ — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009"]***

(2016/C 016/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* WeserGold Getränke GmbH & Co. KG, li kienet Wesergold Getränkeindustrie GmbH & Co. KG (Rinteln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Melchert, P. Goldenbaum u I. Rohr, avukati)